31985R3459

L 332/16 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 10.12.1985

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3459/85
tas-6 ta' Diċembru 1985
li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-għoti ta' kumpens f'forma ta' sussidju għal sardin Atlantiku

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall u b'mod partikolari l-Artikoli 171 u 358 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3117/85 ta' l-4 ta' Novembru 1985 li jippreskrivi regoli ġenerali dwar l-għoti ta' kumpens f'forma ta' sussidji għal sardin [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru. 3117/85 jispeċifika ċerti kondizzjonijiet dwar l-għoti ta' kumpens f'forma ta' sussidji fir-rigward ta' prodotti, il-limitu kwantitattiv ta' 2000 tunnellata metrika u l-benefiċjarji ta' l-iskema, u jiffissa l-metodu ta' kif għandu jiġi kkalkulat is-sussidju msemmi;

Billi din l-iskema għandha tiġi applikata għal dawk il-kategoriji ta' sardin li huma l-aktar faċli li jitqiegħdu fis-suq wara l-faża ta' l-ipproċessar;

Billi d-disposizzjonijiet tas-saħħa u dawk tekniċi stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali jiżguraw li l-prodotti msemmija jkunu ġew issuġġettati b'mod sħiħ u definittiv għal wieħed mill-proċessi msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3117/85; billi l-konformita' ta' l-imsemmija prodotti pproċessati mad-disposizzjonijiet imsemmija jridu jkunu suġġetti għal verifika;

Billi, sabiex jiġi ċċarat l-iskop ta' l-arranġamenti preżenti, għandhom jiġu ċċarati t-tipi ta' l-ipproċessar:

Billi, għandhom jiġu stabbiliti ċerti regoli dettaljati għas-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet mingħand dawk konċernati għall-ħlas tas-sussidju, fir-rigward ta' kwantitajiet li għalihom jiġi deċiż id-dritt għas-sussidju;

Billi, sabiex jiġi żgurat li jkun hemm kontroll kostanti, dawk li jikkwalifikaw għas-sussidju għandhom iżommu l-awtorità inkarigata mill-ispezzjoni infurmata dwar l-attivitajiet ta' l-ipproċessar tagħhom f'kull ħin;

Billi, skond l-Artikolu 2(3) tat-Trattat ta'Adeżjoni, l-istituzzjonijiet tal-Komunità jistgħu jadottaw, qabel l-adeżjoni, il-miżuri msemmija fl-Artikoli 171 u 358 ta' l-Att;

Billi l-miżuri li hemm maħsuba f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Prodotti ta' l-Industrija tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-għoti ta' kumpens f'forma ta' sussidju, imsemmi hawn iżjed 'il quddiem bħala "sussidju", li hemm referenza għalih fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3117/85, fir-rigward ta' sardin Atlantiku.

Artikolu 2

1. Is-sussidju għandu jingħata lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi fir-rigward ta' sardin li:

   — jkun inqabad minn xi membru,

   — jinbigħ lil min iħaddem il-proċess għall-ipproċessar b'mod sħiħ u definittiv skond id-disposizzjonijiet ta' saħħa u dawk tekniċi relatati ma prodotti intiżi għall-konsum mill-bnedmin li jkunu fis-seħħ fl-Istat Membru fejn min iħaddem il-proċess ikollu n-negozju stabbilit.

2. Il-proċessi msemmija fil-paragrafu 1 huma:

   (a) iffriżar,

   (b) il-manifattura ta' prodotti fil-laned li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 16.04 tat-Tariffa Doganali Komuni (TDK),

   (ċ) tindif jew qtugħ tal-ħut bċejjeċ jekk ikun akkompanjat minn wieħed mill-proċessi msemmija taħt (a) u (b).

Artikolu 3

Fir-rigward ta' kull lott mibjugħ ta' l-istess kategorija kummerċjali, l-ammont tas-sussidju għandu jiġi ddeterminat skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KEE) Nru. 3117/85.

Artikolu 4

Fejn xi wieħed mill-proċessi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2(2) jitwettaq fi Stat Membru li ma jkunx dak li jkun irrikonoxxa l-organizzazzjoni tal-produtturi li tkun biegħet il-prodott, għandha tingħata prova li dan l-ipproċessar ikun sar permezz tal-Kopja tal-Kontroll T Nru 5 skond id-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 223/77 [2] u ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 297, tad-9.11.1985, pġ. 1.

[2] ĠU L 38, tad-9.2.1977, pġ. 20.

Il-kopja msemmija għandha turi d-dettalji li ġejjin:

— fil-kaxxa 41, deskrizzjoni tal-merkanzija fl-istat li kienet fil-mument tal-kunsinna,

— f'kaxxa 104, waħda minn dawn l-annotazzjonijiet f'ittri kapitali:

"UDLIGNINGSGODTGØRELSESBERETTIGET FORARBEJDNING
FORORDNING (EØF) Nr. 3117/85",

"VERARBEITUNG, FÜR DIE EINE AUSGLEICHSENTSCHÄDIGUNG GEWÄHRT WIRD
VERORDNUNG (EWG) Nr. 3117/85",

"ΜΕΤΑΠΟΙΗΣΗ ΠΟΥ ΔΙΚΑΙΟΥΤΑΙ ΑΝΤΙΣΤΑΘΜΙΣΤΙΚΗ ΑΠΟΖΗΜΙΩΣΗ
ΚΑΝΟΝΙΣΜΟΣ (ΕΟΚ) αριθ. 3117/85",

"PROCESSING ELIGIBLE FOR A COMPENSATORY ALLOWANCE
REGULATION (EEC) nr 3117/85",

"TRANSFORMACIÓN QUE BENEFICIA DE UNA INDEMNIZACIÓN COMPENSATORIA
REGLAMENTO (CEE) Nº 3117/85",

"TRANSFORMATION BÉNÉFICIANT D'UNE INDEMNITÉ COMPENSATOIRE
RÈGLEMENT (CEE) nr 3117/85",

"TRASFORMAZIONE CHE BENEFICIA DI UN'INDENNITÀ COMPENSATIVA
REGOLAMENTO (CEE) N. 3117/85",

"VERWERKING DIE IN AANMERKING KOMT VOOR EEN COMPENSERENDE VERGOEDING
VERORDENING (EEG) Nr. 3117/85",

"TRANSFORMAÇÃO BENEFICIANDO DE UNA INDEMNIZAÇÃO COMPENSATÓRIA
REGULAMENTO (CEE) N.º 3117/85."

Artikolu 5

1. Is-sussidju għandu jitħallas lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi konċernati, fuq talba tagħhom, mill-Istat Membru fejn dawn l-organizzazzjonijiet huma stabbiliti bil-kondizzjoni li jiġi ppreżentat dan li ġej:

— il-kuntratt tal-bejgħ tal-prodott fl-ewwel fażi tal-*marketing* tiegħu. Il-kuntratt għandu juri, mill-inqas, l-ismijiet u l-indirizzi tal-partijiet konċernati, il-kwantità, il-prezz tal-bejgħ u d-data tal-kunsinna ta' kull lott ta' prodotti mibjugħ u l-garanzija mingħand dak li jħaddem il-proċess imsemmija fil-paragrafu 2,

— prova tal-ħlas tal-merkanzija,

— kif xieraq, kopja tal-Kopja tal-Kontroll T Nru 6 msemmija fl-Artikolu 4a,

u, sakemm ma jkunx jeżisti fil-mument tal-ħlas, tagħrif li jindika li ma jkunx sar ipproċessar sħiħ u definittiv tal-prodotti.

2. Dak li jħaddem il-proċess għandu jagħti garanzija bil-miktub li ser jipproċessa l-prodotti suġġetti għall-kuntratt skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2. Għal dan il-għan, fir-reġistrazzjoni tal-ħażna msemmija fil-garanzija tiegħu, għandu jidentifika l-kwantitajiet mixtrija fil-kuntest ta' dawn l-arranġamenti. Dak li jħaddem il-proċess għandu jwieġeb li jħalli li ssirlu kull spezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fil-bini fejn isir in-negozju tiegħu.

3. L-applikazzjoni għall-ħlas tas-sussidju għandha tintbagħat mill-organizzazzjoni tal-produtturi konċernata lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat mhux aktar tard mill-aħħar tax-xahar wara dak li fih jiġi magħmul il-kuntratt tal-bejgħ.

Artikolu 6

1. L-Istati Membri konċernati għandhom joħolqu sistema ta' kontroll li tiżgura li prodotti li għalihom tkun saret applikazzjoni għas-sussidju jkunu eliġibbli għaliha, u li d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunu mħarsa.

2. Ir-regoli dettaljati għat-tħaddim tas-sistema tal-kontroll għandhom jiġu kkompilati mill-Istati Membri u għandhom jinkludu mill-inqas il-kondizzjonijiet meħtieġa li ġejjin:

— spezzjonijiet magħmulin għal għarrieda fil-post ta' l-ipproċessar ta' l-impriżi:

— sottomissjoni mill-benefiċjarju tad-dokumenti ta' sostenn użati biex jiġi stabbilit id-dritt tiegħu għas-sussidju;

— definizzjoni tad-dettalji li jridu jiġu inklużi fl-applikazzjoni għas-sussidju msemmija fl-Artikolu 5;

— identifikazzjoni fir-reġistru tal-bejgħ ta' l-organizzazzjoni li tipproduċi, tal-kwantitajiet mibjugħa fil-kuntest tar-reġim preżenti.

Artikolu 7

1. L-Istati Membri konċernati għandhom javżaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn xahrejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, bil-miżuri tal-kontroll introdotti skond l-Artikolu 6(1).

2. L-Istati Membri għandhom ukoll jinfurmaw lill-Kummissjoni kull xahar bil-kwantitajiet li jistgħu jikkwalifikaw għas-sussidju, mibjugħa matul ix-xahar ta' qabel, imqassma skond il-kategorija kummerċjali u t-tip ta' pproċessar li jkun twettaq, u ta' l-ispiża relatata ma' l-għoti tas-sussidju msemmi.

3. Fuq il-bażi ta' tagħrif miksub taħt il-proċeduri ta' kontroll li hemm maħsuba fl-Artikolu 6, jekk hemm il-ħtieġa jiġi korrett l-ammont tas-sussidju mogħti.

Artikolu 8

Ir-rata tal-konverżjoni bejn il-muniti applikabbli għas-sussidju għandha tkun ir-rata rappreżentattiva li tkun fis-seħħ fil-ġurnata tal-bejgħ tal-prodott.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1986, suġġett għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-

6 ta' Diċembru 1985.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President